MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Mandat Numru. 868/2007/1

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 868/07 fl-ismijiet:**

**Brendaline BUSUTTIL illum Fenech in rappreżentanza ta' binha minuri Brandan**

**vs**

**Maria Rosaria *sive* Rose GRIMA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Ġunju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti *nomine* talbet li l-Qorti żżomm lill-intimata milli "tagħmel kwalsijasi tip ta' att, inkluż trasferiment u/jew negozju u/jew kwalunkwe att ta' kull xorta li tinvolvi proprjeta'/assi sija mobbli u/jew dħul ta' *cheques* anki imma mhux esklussivament anki att bankarju proprjeta'/assi tal-mejjet Pawlu Busuttil li ġie

nieqes traġikament fis-27 ta' Mejju, 2007, b'mod traġiku (*sic*)";
Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-intimata;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimata fl-14 ta' Ġunju, 2007, li biha laqgħet għat-talba tar-rikorrenti *nomine* billi qalet li t-talba mhix mistħoqqa għaliex hi la kienet qegħda tneħħi jew teħles minn ġid ta' Pawlu Busuttil u lanqas kellha l-ħsieb li tagħmel dan. Żiedet tgħid li wkoll kieku kellha l-ħsieb li tagħmel hekk ma setgħetx, għaliex sakemm jinfetaħ il-wirt tiegħu, xejn ma seta' jintmiss. Dan minbarra l-fatt li hi ma kinitx miżżewġa lill-imsemmi Busuttil u għalhekk ma kellha l-ebda jedd tiddisponi minn ħwejġu. Għalhekk, tqis it-talba għall-ħruġ tal-Mandat bħala waħda fiergħa. Billi wkoll il-wirt ta' Busuttil għadu ma nfetaħx, it-talba saret qabel waqtha għaliex lanqas m'huwa magħruf x'jeddijiet għandu ibnu l-minuri (rappreżentat mir-rikorrenti ommu), jekk għandu xi jeddijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2007, li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tal-lum;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet il-każ għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li r-rikorrenti qegħda titlob il-ħruġ tal-Mandat biex tħares l-interessi ta' binha minuri Brandan Busuttil, iben il-mejjet Pawlu Busuttil. Pawlu Busuttil u r-rikorrenti *proprio* kienu miżżewġin imma ż-żwieġ tagħhom kien annullat. Pawlu Busuttil miet b'disgrazzja fil-31 ta' Mejju, 2007;

Tqis li l-intimata kienet il-mara li kienet tgħix mal-imsemmi Pawlu Busuttil wara li dan infired minn mar-rikorrenti;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[1];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[2]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[3];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[4]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak

---

[1] Art. 873(1) tal-Kap 12
[2] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[3] Art. 875(3) tal-Kap 12
[4] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, fil-każ preżenti, jidher li d-dritt li r-rikorrenti *nomine* tixtieq li tħares bil-ħruġ tal-Mandat huwa dak – għalissa indefinit – li binha jista' jkollu mill-wirt ta' missieru;

Tqis li peress li l-liġi titlob li kull min favurih joħroġ Mandat ta' Inibizzjoni jeħtieġ li, fi żmien qasir, jiftaħ kawża dwar il-jedd imsemmi fil-Mandat, ma jistax jingħad (dejjem u biss għall-finijiet tal-eżami li jrid isir biex wieħed jara jekk għandux jinħareġ il-Mandat) li dak il-jedd *prima facie* jeżisti tassew jekk kemm-il darba l-pretensjoni dwar dak id-dritt ma tistax tissawwar f'talba speċifika f'dak iż-żmien qasir[5]. Fil-każ preżenti, u minn tagħrif li ħadet il-Qorti mingħand l-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ, lanqas għadu magħruf imqar jekk l-imsemmi Pawlu Busuttil mietx testat jew le;

Tqis li, kif qalet l-intimata, sakemm isir magħruf kif imissu jiddevolvi l-wirt ta' Busuttil, ħadd ma jista' jmiss il-ġid tal-wirt tiegħu li jinsab f'xi bank jew li huwa immobbli, mingħajr ma jħares il-formalitajiet preskritti. Għalhekk, dak li tibża' minnu r-rikorrenti *nomine* ma jistax iseħħ bi jew mingħajr il-ħruġ tal-Mandat;

Tqis, għalhekk, li jonqsu l-elementi meħtieġa mil-liġi biex tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti *nomine*;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti *nomine*** għall-ħruġ tal-Mandat, billi ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa li titlob il-liġi għall-ħruġ tiegħu;
**Spejjeż bla taxxa** bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, 26 ta' Ġunju, 2007.

---

[5] App. Ċiv. **2.6.1969** fil-kawża fl-ismijiet ***Nutar Giuseppe Sammut noe vs Frank Scicluna et*** (mhix pubblikata)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------